*SPOLL*

*PROVI KONFLIGGENTI*

*PERJODU TA' XAHREJN*

*ONUS PROBANDI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR.LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D.,M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017**

**Kawza Numru: 22**
**Rikors Guramentat Numru: 664/2014/LSO**

**Lawrence Grech I.D.114757(M) u martu Joan Grech I.D. 658459(M)**

**vs**

**Paul Cassar u martu Catherine Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikorsguramentat ta’ Lawrence Grech u martu Joan Grechdatat 29ta’ Lulju 2014 fejn Lawrence Grech bil-gurament tieghu kkonferma li jaf personalment is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-ghalqa tal-kejl ta circa 1939.5 m.k (elf disa’ mija u disgha u tletin punt hamsa metri kwadri) accessibli minn Sqaq ic-Caghaq li jaghti ghal Wied il-Ghajn fil-limiti ta’ Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn, maghrufa bhala Tat-Tenedin jew ta’ Wied il-Ghajn fil-kontrada tal-Gharghar tas-Salib, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, konfinanti mill-punent ma’ beni ta Benedetto Xuereb, minn nofs in-nhar u l-lvant ma’ beni tal-patrijiet Dumenikani tal-Birgu u mit-tramuntana ma’ beni ta’ Maria Rosa Degabriele liema ghalqa huma xtraw permezz ta' biegh b'licitazzjoni fil-5 ta' Mejju 2005 kif jirrizulta mill-hawhekk anness dokument 1.

Illi l-intimati ghandhom id-dar residenziali taghhom bl-indirizz ufficjali Nru 5 Sqaq tal-Gharghar Zabbar li parti minnha ukoll taghti ghal fuq l-imsemmi Sqaq ic-Caghaq.

Illil-intimati fil-14 ta Lulju 2014 imblukkaw l-access tal-atturi permezz tal-imsemmi Sqaq ic-Caghaq ghal ghalqa taghhom billi qieghdu kantuni u qsari fil-wisa tal-istess Sqaq ic-Caghaq u b'hekk qieghdin jostakolaw lir-rikorrenti biex jghaddu bil-vettura taghhom mill-istess Sqaq ic-Caghaq.

Illi ghad li wara rapport lil Pulizija l-intimati nehhew ic-cnagen imsemmija, huwa hallew fejn kienu l-qsari u anki b'hekk xorta wahda r-rikorrenti ma jistghux jghaddu bil-vetturi taghhom mill-imsemmi Sqaq ic-Chaghaq ghal ghalqa taghhom.

Illi b'dan l-agir l-intimati ikkommettew spoll ricenti u vjolenti ghad-dannu tar-rikorrenti.

Jghidu l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li bl-agir abbuziv taghhom l-intimati ikommettew spoll ricenti u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jispurgaw l-ispoll kommess minnhom fuq imsemmi li sar ghad-danni tar-rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ipoggu kollox fl-istat prestin tieghu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu x-xoghlijiet ghal dan l-iskop a spejjez tal-intimati u dan taht id-direzzjoni ta’ perit nominat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2014.

Rat ir-risposta ta' Paul u Catherine Cassardatata 20 ta’ Settembru 2016 (fol 47) fejn bir-rispett Catherine Cassar ikkonferma bil-gurament taghha:-

1. Illi r-rikorrenti huma propjetarji tal-ghalqa ossija Bur, tal-kejl ta' cirka 1939.5metri kwadri, accessibbli minn Sqaq ic-Caghaq li jaghti ghal Wied il-Ghajn, limiti ta' Haz-Zabbar, kif minnu deskritt fir-rikors guramentat.

2. Illi l-esponenti Catherine Cassar ghandha d-dar ta' residenza taghha fil-fond numnru 5, fi Sqaq l-Gharghar f’ Haz-Zabbar, li in parti jaghti jew jinfed ma’Sqaq ic-Caghaq, liema proprjeta` gejja minn wirt.

3. Illi l-intimat Paul Cassar ma jippossjedi l-ebda parti mir-residenza tieghu li hija parafernali ta' martu Catherine Cassar.

4. Illi r-rikorrenti ghandu dritt ta' passagg bir-rigel minn Sqaq l-Gharghar biex jghaddi ghal bur tieghu fuq deskritt.

5. Illi mhux minnu li fl-erbatax (14) ta' Lulju l-esponenti ghamlu att ta' spoll kontra r-rikorrenti. Huwa r-rikorrenti li qed jippretendi li dritt ta' passagg bir-rigel jibdlu f’ wiehed bil-vettura.

6. Illi biex jaghmel dan huwa qed jippretendi li jghaddi minn proprjeta` tal-esponenti u ta' terzi persuni, kif ga pprova jaghmel qabel bil-karozza.

7. Illi l-knaten u l-qsari li l-esponenti ghandhom fil-post, ilhom hemm diversi snin u dawna ma jikkostitwixxu l-ebda spoll *stante* li jinsabu fll-proprjeta` ta' Catherine Cassar.

8. Ghaldaqstant l-esponenti jeccepixxu bir-rispett:

i. Illi preliminarjament l-intimat Paul Cassar mhux legittimu kontradittur u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

ii. Illi preliminarjament ukoll in-nullita` tar-rikors guramentat *stante* li ma giex intavolat fit-terminu preskritt mil-ligi.

iii.Illi l-intimati qatt ma kkommettew spoll flagranti ‘lghaliex huma dejjem kellhom f’ idejhom il-pussess tal-lok minn fejn irid jghaddi r-rikorrenti bil-karozza.

iv.Illi r-rikorrenti qatt ma kellu l-pussess tal-parti mill-isqaq li qedjghid li gie spoljat minnha.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 11 ta' Novembru 2014 (fol 68) fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti processwali pprezentati minn Eunice Grech Fiorini mal-process

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Lawrence Cassar et datata 20 ta’ Frar 2017 a fol 172 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-intimati datata 19 ta’ April 2017 a fol 182 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2017 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ta' spoll li permezz tal-istess ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li cnagen u qsari mpoggija mill-intimati, qed jostakolaw l-access tar-rikorrenti ghall-ghalqa taghhom. L-intimati laqghu billi sostnew li mhuwiex minnu li gie kommess att ta' spoll kontra r-rikorrenti, *stante* li l-knaten u l-qsari ilhom hemm u jinsabu fil-proprjeta` tal-intimata Catherine Cassar. Gie eccepit ukoll li r-rikorrenti ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel biss minn Sqaq l-Gharghar u hi biss pretensjoni tar-rikorrenti li qed jittentaw jbiddlu dan id-dritt f'passagg bil-vettura.

**Fatti:**

Jirrizulta li r-rikorrenti akkwistaw l-ghalqa accessibli minn Sqaq ic-Caghaq fil-Limiti ta' Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn permezz ta' bejgh b'licitazzjoni datat 5 ta' Mejju 2005( Dok I a fol 7) . L-atti tas-subbasta jiddeskrivu l-art bhala "accessibbli" minn Sqaq ic-Caghaq. Illi l-intimati ghandhom id-dar residenzjali fi Triq l-Gharghar Zabbar,proprjeta'

parafernali ta' Catherine Cassar, li parti minnha taghti ghal fuq Sqaq ic-Caghaq. Illi r-rikorrenti qed isostnu li l-intimati mblukkaw l-access ta’ Sqaq ic-Caghaq bi knaten u qsari b’mod li huma jistghu jaccedu biss bir-rigel u mhux aktar bil-vettura. Jirrizulta li sar rapport lill-Pulizija mir-rikorrenti datat 14 ta’ Lulju 2014, u sussegwentement ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Lawrence Grech** xehed permezz ta’ affidavit (fol 57-58) u qal li xtara l-imsemmija ghalqa permezz ta’ subbasta fil-5 ta’ Mejju 2005. Qal li l-isqaq jafu bhala sqaq pubbliku li jibda minn triq principali li taghti ghal Wied il-Ghajn u jittraversa diversi ghelieqi ta' terzi persuni. Il-bdiewa jidhlu minn dan l-isqaq ghal gol ghelieqi taghhom. Hu esebixxa Dok 2, sentenza datata 18ta’ Gunju 1964, dwar pretensjoni ta’ access ghall-ghalqa.

Semma li l-intimati ghandhom parti mid-dar taghhom taghti ghal fuq Sqaq ic-Caghaq. Spjega li minn Sqaq ic-Caghaq hu jista’ jidhol b’vettura ta’ qies zghir, izda qal li fl-14 ta’ Lulju 2014, l-intimati mblukkaw dan l-access tieghu billi qeghdu knaten u qsari fl-isqaq. Zied ighid li hu ghamel rapport l-Ghassa, u l-intimati kienu mwissija mill-Pulizija biex inehhu l-knaten, izda hu xorta baqa’ bl-access ostakolat peress li ma nehhewx il-qsari. Hu esebixxa r-ritratti Dok 7,8 u 9 datati 9 ta’ Lulju 2014 li juru qabel sar l-imblokk.

In **kontro-ezami** (fol 161)[1] qal li hu esebixxa s-sentenza biex juri li ghandu dritt jghaddi minn sqaq ic-Caghaq. Sqaq ic-Caghaq kien jinfed ma' Sqaq l-Gharghar b'sitt piedi. Muri r-ritratt a fol 89 qal li hu qatt ma jiftakar dik ix-xatba. Muri fol 38 tal-process, qal li hemm ic-cnagen diga hemm. Mistoqsi kif kien jghaddi mill-isqaq qal li kien jghaddi bil-pass izda l-access juri li l-isqaq dejjem kien wiesgha u li vettura kienet tghaddi. Imbaghad l-intimata dejjem bdiet taghlaq, l-ewwel ghalqet parti minnu hames snin ilu. Zied ighid li minbarra bic-cnagen, hi ghalqet ukoll b'habel quddiem il-garaxx taghha.

**Joan Grech** mart ir-rikorrent, xehdet permezz ta' affidavit (fol 59)fejn qalet li qalet xtraw l-imsemmija ghalqa permezz ta' subbasta u li dejjem dahlu minn Sqaq ic-Caghaq li hu sqaq pubbliku. Qalet li zewgha nfurmaha li fl-14 ta' Lulju 2014, li l-intimati kienu imblokkawpassagg fi Sqaq ic-Caghaq.Meta marret hi fil-bidu ta' Awissu rat l-isqaq imblukkat bil-qsari u bil-knaten.

In **kontro-ezami** (fol 165)[2] qalet li kienu jghaddu minn Sqaq ic-Caghaq ghall-ghalqa. Spjegat li kienu jitilghu bil-vettura u qabel kien hemm bicca imma l-intimata ghalqitilhom. Qalet li qsari qatt ma kien hemm qabel, imma biss recentement ghalqet bil-qsari u bil-gebel u ghamlet zewg tabelli. Qalet li hi qatt ma tiftakar ix-xatba tal-intimata. Qalet li kienu jitilghu b'vettura zghira idawru fejn l-intimata u jitilqu meta jlestu. Qalet li kien jirnexxielhom idawru, u li l-qsari ma kinux hemm qabel, ghax kieku ma kinux jistghu idawru

[1] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2016.
[2] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.

**Sue Ellen Grech** xehdet permezz ta' affidavit (fol 65) fejn qalet li l-genituri taghha huma proprjetari tal-imsemmija ghalqa, u Sqaq ic-Caghak hu sqaq li jghaddu minnu l-bdiewa. Warali missierha infurmaha li ghall-ahhar ta' Lulju kienu tpoggew knaten u qsari f'dan l-isqaq hi marret fuq is-sit u rat dawn jimblukkaw il-passagg.

In **kontro-ezami** (fol 171) qalet li wara li missierha nfurmahom li l-intimata ostakolat bil-qsari, marru fuq is-sit u kejlu l-access ossija l-isqaq li kien ta' xi tmien piedi.

**Clinton Grech** xehed permezz ta' affidavit (fol 167) u qal li l-genituri tieghu kienu jidhlu ghall-ghalqa minn Sqaq ic-Caghaqu qatt ma kien hemm gebel jew qsari jimblukkaw sa Lulju 2014.

In **kontro-ezami** qal (fol 171) gieli mar fejn l-ghalqa tal-genituri tieghu, l-access hu minn Sqaq ic-Caghaq, li hu wiesgha xi tmien piedi.

**Eunice Grech Fiorini**, (fol 69-70)[3] in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati Civili, esebiet il-process tas-Subbasta 380/2001 JRM deciz fil-25 ta' Settembru 2003, li fih il-process u r-relazzjoni tal-Perit Frederick Doublet.

**Is-Surgent PS 1576 Simon Grech** xehed (fol 74-75)[4]u esebixxa kopja tar-rapport, u spjega li fl-14 ta' Lulju 2014, ir-rikorrent ghamel rapport li Katerina Grech kienet imblukkat sqaq, hu kellem lil Katerina Grech u qaltlu li l-

[3] Seduta tal-11 ta' Novembru 2014.
[4] Seduta tat-22 ta'Jannar 2015.

qsari kienu ilhom hemm xi 22 sena u qabel kien hemm cint li kien waqa pero` dan ic-cint qatt ma sar. Tefghet il-qsari u l-gebel flok ic-cint. Dakinhar qaltu li kienet se tnehhihom, imma xi gimgha wara r-rikorrent kien rega' rraporta ghandu li baqa' kollox kif kien.

**Oliver Magro** in rapprezentanza tal-MEPA xehed (fol 81-85)[5] u qal li r-ritratt (*aerial photo)* a fol 80 hu ritratt awtentiku, mehud fl-1978, u mmarka fuq l-pjanta bi vlegga n-naha tan-*north*.

**Catherine Cassar** xehdet permezz ta' affidavit (fol 87-88) li qalet toqghod f'razzett fi Sqaq l-Gharghar, u dan ir-razzett taccedi ghalih minn sqaq privat. Qalet li s-sitwazzjoni dejjem hekk kienet, sa ma kienet ghamlet xi tibdil strutturali fil-fond taghha. Dwar ir-rikorrent qalet li dejjem kellu dritt ta' passagg bir-rigel minn Sqaq l-Gharghar. Qalet li c-cnagen u l-qasrija ilhom hemm snin twal, u Lawrence Grech dejjem kien jieqaf sa quddiemhom u jkompli bir-rigel, u kien certu Pawlu Buhagiar, persuna tal-gaffa li kien qed jahdem biex ir-rikorrent jibqa' diehel bil-vettura tieghu.

In **kontro-ezami** (fol 153-160)[6] qalet li mhuwiex minnu li kien hemm bejn sitt u tmien piedi kif qal il-Perit fir-rapport, izda zewg piedi mill-qsari taghha sa ma ddur u titla' 'l fuq. Qalet li meta gie l-Perit Privitera kien hemm il-hajt mhux il-qsari. Qalet li meta qed tirreferi ghall-isqaq taghha, dik il-parti tal-ghatba taghha ghaliex qabel kulhadd minn Sqaq ic-caghaq kien jghaddi. U l-isqaq li qed tirreferi ghalih hu Sqaq ic-Caghaq. Hi insistiet li dan hu sqaq ta' zewg piedi u

[5] Seduta tal-10 ta' Marzu 2015.
[6] Seduta tat-28 ta' Gunju 2016.

nofs fejn mill-qsari l-isfel jitla' biex irid izda mill-qsari 'l fuq bir-rigel. Hi qalet li l-*bricks* qeghdin mit-targa'il fuq. Hi insistiet li l-qsari saru meta ghamlet it-tibdil fil-fond fl-1991.

**Lawrence Xuereb** xehed (fol 95-100)[7]qal li jaf lill-intimata ghax kugina tal-mara tieghu u qal li fir-rigward tar-ritratt a fol 50, ir-rikorrent kien jghaddi minn hemm mill-passagg tal-Gharghar. Qal li kellu wkoll kwistjoni mar-rikorrent ghaliex kif jidher f'Dok LX2 li qed jesebixxi, ghax ir-rikorrent kien qalghalu t-targa biex jibqa' diehel gewwa bil-vettura ghall-ghalqa tieghu.

In **kontro-ezami** (fol 143-146)[8]mistoqsi dwar l-art ta' quddiem ix-xatbali taghti ghall-ghalqa tar-rikorrent, kemm hi wiesgha, xi tmien piedi izda huma ma kinux jghaddu bil-vettura fl-antik wara l-1959.

**Lawrence Buhagiar** (101-105)[9] xehed u qal li joqghod fi Sqaq l-Gharghar, u qal li hemmhekk hemm passagg bir-rigel li jista' jghaddi minnu hu u anke r-rikorrent, u qal li ilu bir-raba' hemm minn dejjem. Rigward ir-ritratt Dok LX1 esebit minn Lawrence Xuereb qal, li minn dak il-passagg jghaddu. Qal li hu kellu kwistjoni mar-rikorrent ghax ried bicca mill-ghalqa tieghu, izda l-kwistjoni tal-passagg hi bejn ir-rikorrent u l-intimata. Xehed li b'riferenza ghar-ritratti esebiti mill-attur li l-passagg huwa bir-rigel hekk kif jitilghu l-isqaq.

[7]Seduta tat-18 ta'Gunju 2015.
[8] Seduta tat-28 ta' April 2016.
[9] Seduta tat-18 ta' Gunju 2015.

In **kontro-ezami**, b'referenza ghal Dok 8 u 9 a fol 37, il-passagg ilu hekk minn zmien in-nannu tieghu, izda mistoqsi huwiex passagg bir-rigel jew bil-vettura, qal, li l-passagg bir-rigel, kif jitilghu l-isqaq iz-zghir u jduru.

**Carmela Xuereb** xehdet permezz ta' affidavit (fol 120-121) u qalet li hi kugina tal-intimata u kienet toqghod fi Sqaq l-Gharghar meta trabbiet. Qalet li taf li l-intimata rrangat ir-razzett u flok xatba ghandha parapet, u meta kienet irrangat il-fond, poggiet, cnagen u qsari fl-isqaq li ilhom hemm snin. Qalet li ghadha titla' l-hemm fuq kultant.

In **kontro-ezami** qalet ulterjorment (fol 137-142)[10] li minflok ix-xatba tal-intimata hemm tarag zghir. Mistoqsija tafx li meta r-rikorrent akkwista b'subbasta din l-art saret tieghu qalet li ma tafx bhala fatt dan, imma biss semghethom ighidu. Mill-isqaq qalet li tista' tghaddi imma bir-rigel. Hi qalet li qatt ma kienet tghaddi vettura minn hemm.

In **ri-ezami** qalet fir-rigward tar-ritratt ta' fuq a fol 50, u indikat ix-xatba u qalet li hi hekk kienet tafu hemmhekk bix-xatba.

**Felix Cassar** xehed permezz ta' affidavit (fol 122-123) u qal li hu iben l-intimati u kellhom xatba barra fi Sqaq ic-Caghaq, fejn ommu kienet poggiet qsari biex jindikaw fejn tispicca l-proprjeta` taghha, li ilhom fil-post sa minn meta l-genituri tieghu kienu ghamlu xi tibdiliet strutturali fil-fond taghhom fl-1991.

[10] Seduta tat-28 ta' April 2016.

In **kontro-ezami** (fol 150-152)[11] ikkonferma li x-xatba li kien hemm fil-fond ta' ommu inbidlet f'tarag u qal ukoll li l-access hu minn dan Sqaq ic-Caghaq. Muri r-ritratti a fol 36 u 37, qal li bil-vettura wasal sa hemmhekk ir-rikorrent, u mbaghad bir-rigel minn Sqaq ic-Caghaq u mhux minn fuq il-proprjeta` tal-genituri tieghu. Hu sostna li bejn Sqaq ic-Caghaq u Triq l-Gharghar hi proprjeta` taghhom u l-qsari ommu poggiethom fejn hemm il-parapett taghha.

In **ri-ezami** qal, li minflok ix-xatba llum hemm parapett, u min-naha l-ohra hajt tal-knaten u r-rikorrent jista' jasalsa fejn hemm il-parapett u l-qsari.

Il-**Perit Christopher Mintoff** xehed (fol 125-132)[12] u qal l-intimata hi klijenta tieghu. Ghamel riferenza ghall-pjanta a fol 1 tal-process u qal li kien hemm evidenza li kien hemm cint. Qal li mar sena ilu fuq is-sit in kwistjoni u kien hemm qsari rimwovibbli temporanji. Il-*foundation* li semma' kien hemm iktar permanentement. Dwar l-*aerial photo* a fol 80, u l-marka bl-ahmar dak jindika il-binja tal-intimata. Hu mmarka l-*main road* fuq il-pjanta a fol 76 u r-razzett bl-ittra 'X'. Qal li fejn ghamel cirku, mal-faccata tal-bini tal-intimata jidher li *dik tisporgi f'nofs il-passagg li qed nitkellmu fuqha u f'nofs l-intersection which is evidence of a structure; ...imma dak huwa cint ghax jidher lihuwa dritt."*

Ghad-domanda li fir-rapport tal-Perit Doublet mas-subbasta, hemm imnizzel li r-rikorrent ghandu access ghall-proprjeta` tieghu, qal li l-*aerial photo* mhuwiex tal-ahjar kwalita` biex tinterpretah. Qal li l-ewwel darba li mar

[11] Seduta tat-28 ta' Gunju 2016.
[12] Seduta tal-25 ta' Frar 2016.

fuq is-sit xi sitt snin ilu, jiftakarhom il-qsari mqeghdin hemm. Mistoqsi dwar ir-ritratt a fol 36, esebit mir-rikorrent dwar is-sit qabel sar l-ispoll, qal, li l-qsari qeghdin wara l-karozzi. Mistoqsi dwar allura kif jista' jkun hemm il-vettura jekk hemm il-qsari, qal li ma jafx, izda jidher li hemm il-qsari. Muri r-ritratt a fol 89, Dok CC2, u mistoqsi fejn huma l-qsari f'dan ir-ritratt, qal, li minflok qsari hemm cint. Dwar ir-ritratt CC3 qal li hemm il-gebel u l-*bricks* u mistoqsi humiex recenti, qal li ma jafx.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt:</u>**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

*(i) Possedisse*
*(ii) Spoliatum fuisse*
*(iii) Infra bimestre deduxisse*

Illi dawn il-principji gew ribaditi f' diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' **"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li "*materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini*

*ohra barra dik li tistabbilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Cahrles Cardona et vs Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi "*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, udaqshekk biss, kif ighid bl-iktar mod car l-artikolu 791(1) Kap 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u "de facto" tant li gie ritenut ukoll li:

*"Hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni."* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs GiuseppiMaria Tonna"** – (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borgvs George Borg"** – (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera

tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri" –** A.C. 26 ta' Jannar 1996).Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li *"All attore in reintegrazione e sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione.."* (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta' Ottubru 1882).

Illi "*Hu pacifiku li l-espressjoni 'pussess ta' kwalsiasi xorta' tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz (Vol. XLII p. II p.973). Pero` hu mehtieg dejjem li l-attur jipprova li ghandu dan il-pussess (Vol. XXXII p.II p. 238). Anke wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta' spoll (Vol. XXXVII p.II p.642).* Tal-istess portata hija d-decizjoni fl-ismijiet **"John Sammut vs Emanuel Sammut"** (P.A. (PS) - 31 ta' Jannar, 2003).

Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, benche` ippruvat huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi gie ritenut fil-kaz **"Delia vs Schembri",** P.A. – 4 ta' Frar1958,

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti*

*ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."* (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).

F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mit-tgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga. (Ara f'dan is-sens **"Ripard et vs Fenech noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000),

Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

*"….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll."*

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-*

*possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att."*

Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et",** P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

Fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse'*, gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrio che per forza private si compia contro la volontarieta` dello spogliato."* (Vol.III Sez. 52). "**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et",** P.A.. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

**<u>It-Terminu ta' xahrejn</u>**

Il-kaz odjern gie istitwit fid-29 ta' Lulju 2014. Biex jissusisti dan l-element, it-terminu jibda jiddekorri minn meta gie spoljat l-attur. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordi fuq dan il-punt, li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-data meta l-attur ikun gie

fizikament spoljat mill-pussess tieghu. (Ara **"Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** Appell Civili deciz fl-4 ta' Dicembru 1998). Ukoll, fil-kaz **"Michael Mamo vs Philip Grima"** P.A. deciza fis-7 ta' Frar 1958, **XLII-II-915** intqal:

*"Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll, u mhux mindu l-attur gie jaf bih…..iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza."* (Ara **Sammut vs Pellegrini PetitXXIV-I-276**).

F'dan il-kuntest, rilevanti wkoll il-kaz, **"Michael AngeloFenech nomine vs Alfred Camilleri"** P.A. deciza fit-22 ta' Frar 1992 fejn gie ritenut:

*"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjlai ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur.* (Ara wkoll **"Dr.Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`",** Qorti tal-Appell- 26 ta' mejju 1998; "**FCA Co. Ltd. et vs Tan-NikcarConstruction Ltd. et"** (1182/2005 FS) P.A. deciza fit-13 ta' Gunju 2013; u **"John Bondin et vs Joseph Farrugia et",** Qorti tal-Appell - 27/2/2015

Skont is-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013, **"Trevor Arendts vs Veronique Mizzi"** inghad li *trattandosi* ta' element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll, dan il-fatt u cioe` li l-azzjoni giet ipprezentata *entro* l-perjodu ta' xahrejn, ghandu jigi ppruvat mill-attur. Dan ghaliex it-terminu ta' xahrejn huwa element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jew ta' reintegrazzjoni, li jemani mill-artikolu

tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun soddisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.

Fil-kaz **Alfred P Farrugia noe et vs Peter Paul Cutajarnomine** (PANC – 13 ta' Frar 1994) il-Qorti rriteniet li rigward l-element tal-*infra bimestre deduxisse*, l-oneru tal-prova kien jispetta lill-istess attur galadarba ma gietx sollevata eccezzjoni f'dan ir-rigward.

**<u>Eccezzjonijiet tal-intimati:</u>**

Illi gie eccepit li l-intimat Paul Cassar mhuwiex il-legittimu kontradittur *stante* li r-residenza fejn jirrisjedi li hi proprjeta` parafernali ta' martu. Aparti li ma tressqitx prova dwar dan, l-azzjoni odjerna tista' tigi esperita kontra kull persuna li tkun attwat l-azzjoni abbuziva u mhux necessarjament kontra is-sid pretiz .

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tregix u ser tigi respinta.

Illi gie eccepit in-nullita' tar-rikors billi ma giex intavolat fit-terminu preskritt mil-ligi. Il-Qorti tifhem li hawnhekk l-intimat qed jissolleva eccezzjoni fis-sens li huwa mankanti t-tielet element tal-*actio spolii* li hu perjodu ta' dekadenza. Illi izda, l-preskrizzjoni tal-azzjoni, anke jekk ippruvata, ma taghmilx dik l-azzjoni nulla fiha nnifisha, imma sservi biex tirrendi dik l-azzjoni perenta in kwantu *fuori termine.*

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni, kif dedotta, qed tigi wkoll michuda.

## Fil-Mertu

Illi bhal ma hu solitu f'kazijiet simili, l-kontendenti jaghmlu riferenzi ghall-dritt pretiz ta' proprjeta` li m'ghandhiex rilevanza ghall-indagni skarna li trid taghmel il-Qorti fl-azzjoni bhal ma hi dik quddiemha llum. Dak li hu rilevanti huwa l-pussess, ta' kwalsiasi xorta li jkun, anke sahansitra jekk il-pussessur jagixxi *in mala fede* , flimkien maz-zewg elementi l-ohra fuq elenkati.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[13] fejn ingħad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-partili tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneruhu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara* ***Vol. XLVI, P.i, p.5****.*

*b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax,kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima*

[13] App. Inf., 12.04.2007

*facie li t*-teżi *tal-attur hija sostenuta* '– Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

*ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi 'iuxta allegata et probata', u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċimentliberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitulegali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni* – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104.."

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino** ***pro et noe vs.*** **Joseph u Charles Fino**[14]:

*"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re:* ***Enrico Camilleri vs. Martin Borg****, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re:* ***E Zammit vs.Petrococchino****, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u* ***Paul Vassallo vs. C. Pace****, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986). 'Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet'."*[15]

Illi applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, jispikkaw is-segwenti provi:

1. Ir-rapport tal-Perit Fredrick Doublet li rrediga relazzjoni fil-proceduri pendenti fil-kawza *Paul Grech et v Larence Grech et* (deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-26 ta' Settembru 2003. Ir-rapport huwa datat it-22 ta' Marzu 2002 u a fol 37 ta' dak il-process (anness f'dawn l-atti) fil-para 9.6. il-Perit Doublet jirraporta hekk:

Riferibbilment ghall-Sqaq ic-Caghaq "*Dan l-isqaq huwa ghal telgha iebsa fuq terren diffikoltuz u huwa possibbli li jghaddu minnu bir-rigel jew bil-bhima <u>minghajr karrettun</u>.*

[14] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[15] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

*L-akbar fetha possibbli mill-isqaq ghall-ghalqa (li kienet in divizjoni u akkwistata bis-subbasta) skalata mal-projezzjoni tal-faccata tar-razzett <u>hija minn 7 sa 8 piedi wiesgha</u>, u dan minnhabba l-wisgha li jista' jkun hemm bejn hajt tar-razzett u l-hajt tas-sejjiegh tal-ghalqa."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dwar dan l-attur xehed li l-isqaq kien tranga u gie ammess anke mill-intimata li kienu jghaddu bil-karrettun.

Madanakollu dan ir-rapport gie redatt fis-sena 2002. L-*aerial photos* esebiti a fol 76 u 80 huma datati rispettivament 1967 u 1967 u ghalkemm jistghu ikunu ta' rilevanza f'kawza petitorja, ma jixthux dawl illuminanti fuq il-kwistjoni ta' pussess ricenti. Lanqas jista' jinghad li l-konkluzjoni tal-Perit Doublet jeskludi li r-rikorrenti sussegwentement bdew jghaddu bil-vettura mill-isqaq.

2. Ix-xhieda tal-**Perit Chistopher Mintoff** li xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti u afferma minghajr tlaqliq li ra l-qsari li kienu fuq il-post xi sitt snin ilu. Dan jikkontrasta palesement mal-verzjoni attrici. Tant kien cert mix-xhieda tieghu li meta gie muri r-ritratti esebiti mir-rikorrent ta' vettura tielgha mill-isqaq, qal li l-qsari jinsabu wara l-vettura.

3. L-**attur** in kontro-ezami (fol 161(e) *a tergo*) muri r-ritratti a fol 36, 37 u 38 esebiti mal-affidavit tieghu xehed "*Dakinhar ressaqt il-qsari biex ghaddejt u ergajt lura."* Issa fl-affidavit tieghu a fol 44 kien qal li dawk ir-ritratti ittiehdu <u>qabel</u> l-imblokk u juru kif kien jghaddi bil-vettura. Kompla

jixhed "*ghax il-qsari kienu diga qeghdin biex tipponta biex taqbad."*

Illi ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni li r-rikorrent ghandu dritt ta’ passagg bir-rigel minn Sqaq ic-Caghaq. Difatti, ir-rapport tal-Perit Doublet anness mal-atti tas-subbasta fuq imsemmi jikkonferma dan. Hawnhekk, ta’ min isemmi wkoll ir-relazzjoni tal-Perit Privitera, li rrelata b’referenza ghas-sentenza datata 18 ta’ Gunju 1964 fl-ismijiet **Giuseppe Massa vs Annetto Xuereb Montebello et**, esebita bhala Dok 3 u mill-pjanta annessa Dok 4, li l-access tar-rikorrent huwa minn Sqaq ic-Caghaq.

Illi r-rikorrent u x-xhieda tieghu sahqu fuq il-wisa' tal-passagg li tiehu wisa' ta' karrozza zghira. Izda l-punt in kontestazzjoni mhuwiex jekk jistghux jghaddu vetturi mill-isqaq, u lanqas jekk hemmx dritt li jghaddu vetturi, imma jekk ir-rikorrent kienx jghaddi bil-vettura oltre l-konfini tal-qsari u ktajjen biex idawwar u jerga' lura, prova necessarja sabiex jiskatta l-pussess ghall-fini ta' dawn il-proceduri.

Jekk hemmx id-dritt ta’ passagg bir-rigel jew bil-vettura trid tigi approfondita f'kawza petitorja. (ara ad ez. **“Holiday Estates Limited vs Carmelo Cachia”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2007).

**Applikazzjoni ghall-kaz *de quo*:**

Illi dwar dan ix-xhieda huma konfliggenti sa l-ahhar kif gja ribadit.

Illi f'kawza ta' spoll jinkombi fuq l-attur li jipprova t-tlett elementi stabbiliti mil-legislatur sabiex tirnexxi t-talba tieghu. F'dan ir-rigward tispikka x-xhieda tal-Perit Christopher Mintoff li xehed li kien jaf li l-qsari kienu impoggija meta zar il-post sitt snin qabel. Ix-xhieda tal-Perit hija wahda kredibbli li din il-Qorti setghet tikkonstata hi stess billi xehed *viva voce*. Huwa minnu li r-rapport tal-Perit Doublet ma jsemmi xejn dwar qsari, izda li trid tistabbilixxi din il-Qorti huwa l-istat ta' fatt li kien fis-sehh fiz-zmien qarib din il-kawza.

Illi tosserva li jirrizultaw diskrepanzi anke fix-xhieda tal-intimata fejn kontrarjament ghal dak minnha allegat, il passagg huwa wiesgha bizzejjed biex tghaddi vettura (*vide* rapport tal-Perit Doublet). Mir-ritratt esebit a fol 94 minn Lawrence Xuereb, jidher il-wisgha limitat tal-isqaq izda li ma jidhirx li hu ta' zewg piedi u nofs.

Illi izda, l-iktar punt fatali ghat-tezi attrici f'din il-kawza temani mix-xhieda tar-rikorrent stess in kontro-ezami fejn ammetta li r-ritratti a fol 36, 37 u 38 esebiti mal-affidavit tieghu effettivament ittiehdu meta l-qsari kienu gja in situ. Dan ifisser li dak muri fir-ritratti huwa tentattiv ta' fabbrikazzjoni ta' prova li r-rikorrent kien jghaddi bil-vettura oltre l-linja tal-qsari <u>qabel</u> l-allegat att spoljattiv. (*vide ante* a fol 161(f) fejn in kontro ezami ammetta "*ghax il-qsari kienu diga qeghdin biex tipponta biex taqbad."* Dan jikkorrobora x-xhieda tal-Perit Mintoff li, mistoqsi dwar ir-ritratt a fol 36, esebit mir-rikorrent dwar is-sit qabel sar l-ispoll, qal, li l-qsari qeghdin wara l-karozza. Ghalhekk dawn ir-ritratti u l-prova li ried jaghmel bihom ir-rikorrenti

mhumiex attendibbli . Kwindi r-rikorrent ma jistax iservi b'dawn ir-ritratti bhala prova tad-data tal-allegat spoll billi *ex admissis,* il-qsari kienu diga' qeghdin fil-post , mentri d-data fuq ir-ritratti ma tistax tintuza bhala punt ta' riferenza ghall-fini ta' dawn il-proceduri. Huwa minnu li r-rikorrentipprezenta rapport lill-Pulizija izda din il-Qorti ma tistax torbot fuq il-kredibilita' tar-rikorrenti *in visto* tal-fabbrikazzjoni sfaccjata fix-xhieda tieghu.

Inoltre wara li fliet il-process, ma ssib li m'hemm l-ebda prova jew xhiedha disinteressata li tista' tikkorrobora d-data tal-allegat spoll.

Huwa minnu li fil-kaz odjern, gie formalment eccepit li l-azzjoni ma saritx *entro* t-terminu imsemmi. Skont il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (A.C. – 18 ta' Gunju 1993) inghad li "*meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mil-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skont l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Izda fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-intimata irnexxielha ggib prova kredibbli u korroboranti fix-xhieda tal-Perit Mintoff meta xehed li kien ra pjanti rimwovibbli sitt snin qabel meta acceda fuq is-sit in kwistjoni. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex taghti affidament lil dan ix-xhud.

Fid-dawl ta' dan kollu premess din il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li ddeduca t-talba tieghu fi zmien xahrejn mill-allegat att spoljattiv, liema element huwa essenzjali ghas-success ta' din l-azzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet u tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet dedotti fis-sentenza.

**L-ispejjez jithallsumir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2017**